



Brussell, Diċembru 2023

Linji gwida operazzjonali għall-Punt ta' Dħul Uniku u għall-mekkaniżmu

tal-ilmenti għall-infurzar tal-ftehimiet u l-arranġamenti kummerċjali tal-UE

Dawn il-Linji gwida operazzjonali jispjegaw kif jopera l-Punt ta' Dħul Uniku tad-Dipartiment tal-Kummerċ Internazzjonali tal-Kummissjoni Ewropea għall-ilmenti dwar ostakli kummerċjali jew nuqqas ta' konformità mal-impenji ta' sostenibbiltà f'pajjiżi terzi u jipprovdni gwida dwar kif għandhom jintnedew ilmenti bħal dawn.

1. X'inhu l-Punt ta' Dħul Uniku?

Il-Punt ta' Dħul Uniku huwa l-punt ta' kuntatt ċentralizzat għall-partijiet ikkonċernati kollha bbażati fl-UE li jixtiequ jressqu lment dwar kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq jew dwar in-nuqqas ta' konformità mal-impenji¹ meħuda minn pajjiżi oħra skont id-dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli ("TSD") tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE jew skont is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ("SGP") tal-UE². Il-Punt ta' Dħul Uniku huwa l-koordinatur tas-sistema tal-ilmenti li jiżgura proċess intern semplifikat biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq u nuqqas ta' konformità mal-impenji tat-TSD/tal-SGP. F'kuntatti mal-ilmentaturi, il-Punt ta' Dħul Uniku jsegwi l-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba³.

Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jgħinu lill-partijiet ikkonċernati jifhmu t-tħaddim tas-sistema tal-ilmenti tal-Punt ta' Dħul Uniku. Fl-Anness ta' dawn il-linji gwida, hemm żewġ gwidi prattiċi biex jintlew il-formoli tal-ilmenti li huma disponibbli fuq il-portal tal-Kummissjoni [Access2Markets](#).

Il-Punt ta' Dħul Uniku ma jittrattax l-ilmenti dwar id-difiża tal-kummerċ (anti-dumping, antisussidji jew salvagwardji). Għal kwistjonijiet bħal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-uffiċċju tal-ilmenti dwar id-difiża tal-kummerċ⁴.

¹ Il-Punt ta' Dħul Uniku jista' jintuża biex jiġu rreġistrati lmenti relatati ma' oqsma koperti mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE. Għaldaqstant, mhuwiex maħsub għal oqsma koperti minn ftehimiet oħra tal-UE bħal pereżempju l-avjazzjoni, il-ħut, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, eċċ.

² Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008, ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1–82.

³ https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/20131125-code-good-administrative-behaviour-en_1.pdf

⁴ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web: <https://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/>

2. Min jista' jressaq ilment

Skont is-sistema tal-ilmenti, dawn li ġejjin jistgħu jissottomettu lment lill-Punt ta' Dħul Uniku:

- i. Għal ilmenti dwar l-aċċess għas-suq:
 - a. L-Istati Membri tal-UE
 - b. Entitajiet li għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew is-sede prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni
 - c. Assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-kumpaniji tal-UE
 - d. Assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi tal-UE
 - e. Trade unions jew assoċjazzjonijiet tat-trade unions iffurmati f'konformità mal-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE
- ii. Għal ilmenti dwar it-TSD jew l-SĠP:
 - a. L-Istati Membri tal-UE
 - b. Entitajiet li għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew is-sede prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni
 - c. Assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-kumpaniji tal-UE
 - d. Assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi tal-UE
 - e. Trade unions jew assoċjazzjonijiet tat-trade unions iffurmati f'konformità mal-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE
 - f. Gruppi Konsultattivi Domestiċi (DAGs) tal-UE ffurmati f'konformità mal-ftehimiet kummerċjali tal-UE (għall-ilmenti dwar it-TSD)
 - g. NGOs iffurmati f'konformità mal-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE
 - h. Ċittadini jew residenti permanenti ta' Stat Membru tal-UE

L-ilment jista' jressaq minn ilmentatur wieħed minn kwalunkwe waħda mill-kategoriji elenkati jew minn ilmentaturi multipli (f'kategorija waħda jew diversi) li jaġixxu flimkien bħala grupp. L-ilmentaturi għandhom jiddikjaraw b'mod ċar jekk humiex qed jaġixxu esklużivament f'isimhom stess jew jekk humiex qed jirrappreżentaw ukoll interessi oħra, bħal entitajiet jew organizzazzjonijiet simili li jinsabu fil-pajjiż sieħeb. Jekk ikun qed jirrappreżenta oħrajn, l-ilmentatur irid jiżvela bis-sħiħ l-identitajiet ta' dawn l-entitajiet. Dawn id-dettalji se jibqgħu kunfidenzjali kif indikat fit-taqsimha 6.

3. Kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa fil-formoli tal-ilmenti

Sabiex jgħinu lill-Punt ta' Dħul Uniku fil-valutazzjoni tas-saħħa u l-importanza ta' każ potenzjali, u fid-deċiżjoni tal-kors ta' azzjoni sussegwenti, il-formoli tal-ilmenti, kemm dwar l-Aċċess għas-Suq kif ukoll dwar it-TSD/l-SĠP ikopru firxa wiesgħa ta' informazzjoni. Dawn il-Linji gwida operazzjonali jispjegaw ir-rilevanza ta' din l-informazzjoni u x'inhu meħtieġ.

Is-sottomissjoni tal-informazzjoni kollha meħtieġa fil-formola tal-ilmenti mhijiex prekundizzjoni biex il-Punt ta' Dħul Uniku jaċċetta lment. Madankollu, aktar ma l-ilment ikun komplut, aktar se jkun faċli għall-Punt ta' Dħul Uniku li jaġmel valutazzjoni u jinvolvi ruħu aħjar mas-sħab kummerċjali.

Għal ċerta informazzjoni li tista' ma tkunx disponibbli pubblikament jew faċilment, l-ilmentatur mhuwiex mistenni li jipprova *data* eżatta. Minflok, huwa biżżejjed li wieħed iwieġeb għall-mistoqsijiet bl-aħjar għarfien tiegħu, filwaqt li joffri l-aħjar estimi u jispjega r-raġunament wara dawn l-estim.

Il-Punt ta' Dħul Uniku huwa lest li jassisti lill-ilmentaturi potenzjali, speċjalment lill-SMEs

u lill-partijiet ikkonċernati iżgħar qabel is-sottomissjoni tagħhom. Dan jinkludi diskussjonijiet dwar l-informazzjoni li hija meħtieġa għall-valutazzjoni. It-taqsimha li għejja tagħti dettalji dwar kif wieħed jista' jikkuntattja l-Punt ta' Dħul Uniku f'dan l-istadju ta' qabel in-notifika.

4. Qabel in-notifika

Il-Punt ta' Dħul Uniku jifhem li t-tnejn ta' lment sostanzjat tajjeb tista' tkun eżiġenti, speċjalment għall-SMEs u l-partijiet ikkonċernati iżgħar. Biex jittaffa dan il-kompitu, il-Punt ta' Dħul Uniku jhegġegħ lill-partijiet ikkonċernati jinvolvu ruħhom f'kuntatti ta' qabel in-notifika miegħu sabiex iħejju s-sottomissjoni formali ta' lment. Inkella, il-Punt ta' Dħul Uniku jista' jidderieġi lill-partijiet ikkonċernati lejn strumenti oħra, jekk ikunu aktar xierqa biex jindirizzaw it-tħassib tagħhom. L-involviment f'kuntatti fakultattivi ta' qabel in-notifika jista' jkun siewi ħafna kemm għall-ilmentatur kif ukoll għall-Punt ta' Dħul Uniku. B'mod partikolari, il-proċess ta' qabel in-notifika jista' jgħin biex jiddetermina, fost affarijiet oħra, l-informazzjoni speċifika meħtieġa, u b'hekk jagħmilha aktar faċli għall-ilmentatur biex jimmira aħjar l-isforzi tiegħu.

L-ilmentatur jista' jikkuntattja lill-Punt ta' Dħul Uniku qabel ma jissottometti lment fl-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-SINGLE-ENTRY-POINT@ec.europa.eu. Malli jirċievi talba għal kuntatt ta' qabel in-notifika, il-Punt ta' Dħul Uniku se jidentifika u jinforma lill-ilmentatur dwar il-punt ta' kuntatt li se jmexxi l-kwistjoni 'l quddiem.

Il-kuntatti ta' qabel in-notifika jipprovdu lill-Punt ta' Dħul Uniku u lill-partijiet ikkonċernati l-possibbiltà, qabel in-notifika ta' lment, li jiddiskutu kwistjonijiet bħall-bażi legali tal-ilment, l-impatt sistemiku jew ekonomiku tal-ostaklu jew tal-ksur potenzjali, u l-firxa tal-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa. Il-kuntatti ta' qabel in-notifika se jgħinu wkoll lill-Punt ta' Dħul Uniku biex iħejji t-trattament tal-ilment billi jidentifika kwistjonijiet ewlenin fi stadju bikri.

5. Il-formoli tal-ilmenti

Il-Punt ta' Dħul Uniku għandu żewġ formoli tal-ilmenti online: waħda għall-ostakli għall-aċċess għas-suq u waħda għan-nuqqas ta' konformità mal-impenji tat-TSD/tal-SĠP. Iż-żewġ formoli tal-ilmenti jridu jmtlew direttament online⁵. Il-formoli tal-ilmenti jiffurmaw il-bażi għall-Punt ta' Dħul Uniku biex jivvaluta jekk hemmx ostaklu għall-kummerċ, ksur tal-impenji tat-TSD/tal-SĠP jew, fil-każ tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, biex jivvaluta l-informazzjoni rilevanti għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' riekwilibriju skont dak il-ftehim⁶.

⁵ [Paġna ta' kuntatt Access2Markets \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/trade/policy/programmes/access2markets/)

⁶ Il-formoli tal-ilmenti għandhom jintużaw ukoll għar-reġistrazzjoni tal-ilmenti relatati mal-impenji dwar kundizzjonijiet ekwi, inklużi fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. Il-formola relatata mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli għandha tintuża biex tkopri lmenti relatati mal-Istandards tax-xogħol u soċjali; Ambjent u klima; u, Strumenti oħra għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Dawn l-oqsma huma koperti mit-Titolu XI: Kundizzjonijiet ekwi għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u żvilupp sostenibbli tal-Ewwel Intestatura: Kummerċ fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. Il-formola relatata mal-aċċess għas-suq għandha tintuża fir-rigward ta' oqsma oħra koperti minn dan it-Titolu, inkluża informazzjoni rilevanti għall-applikazzjoni ta' miżura ta' riekwilibriju, il-Politika tal-kompetizzjoni, il-Kontroll tas-sussidji; Intrapriżi tal-Istat u intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji ddeżinjati; u Tassazzjoni. L-ilmenti dwar l-istandards tax-xogħol u soċjali, l-ambjent u l-klima jew il-kontroll tas-sussidji msemmija hawn fuq, jistgħu jinkludu wkoll informazzjoni rilevanti għall-

Hemm żewġ gwidi prattiċi annessi ma' dawn il-Linji gwida operazzjonali biex jimtlew il-formoli tal-ilmenti, skont l-istruttura tal-formoli tal-ilmenti disponibbli online.

6. Kunfidenzjalità

Il-Punt ta' Dħul Uniku se jitratta l-informazzjoni kollha li jirċievi bħala kunfidenzjali u mhux se jipubblika l-fatt li jkun irċieva lment, il-kontenut tiegħu u l-identità tal-ilmentatur, sakemm l-ilmentatur ma jkunx poġġa l-informazzjoni fid-dominju pubbliku nnifsu. Sabiex jiġu kkoordinati l-azzjonijiet ta' infurzar tal-UE u tal-Istati Membri, xi informazzjoni anonimizata se tiġi kondiviża mal-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE.

Jekk l-ilment ikun relatat ma' ostaklu għall-aċċess għas-suq, u jekk il-Punt ta' Dħul Uniku jikkonkludi li l-kwistjoni mqajma fl-ilment tista' tabilħaqq titqies bħala ostaklu għall-kummerċ, huwa jipubblika informazzjoni dwar dan l-ostaklu fuq il-[pjattaforma Access2Markets](#) tal-Kummissjoni. L-informazzjoni se tinkludi l-aktar fatti rilevanti dwar il-kwistjoni mqajma (pereżempju, id-data rrapportata, is-settur, il-pajjiż, id-deskrizzjoni u l-kodiċijiet SA affettwati) iżda mhux se ssemmi kif ikun ġie identifikat l-ostaklu u lanqas mhu se tinkludi xi elementi li jikkonċernaw l-impatt ekonomiku tal-ostaklu. Din l-informazzjoni se tiġi aġġornata regolarment.

Jekk l-ilment ikun relatat mat-TSD jew mal-SĠP, u jekk il-Punt ta' Dħul Uniku jikkonkludi li l-kwistjoni mqajma tista' tammonta għal ksur ta' obbligu tat-TSD skont ftehim kummerċjali jew ksur tar-Regolament SĠP li jista' jwassal għall-irtirar tal-preferenzi tal-SĠP (l-Artikoli 15 jew 19 tar-Regolament SĠP), huwa se jipubblika informazzjoni dwar dan il-ksur fuq is-sit web tat-TSD tal-Kummissjoni fi skeda informattiva. L-informazzjoni se tinkludi l-aktar fatti rilevanti dwar il-kwistjoni mqajma iżda mhux se ssemmi kif ikun ġie identifikat il-ksur. Din l-informazzjoni se tiġi aġġornata regolarment.

F'każijiet li jirrikjedu livell ogħla ta' kunfidenzjalità (bħal fil-każ ta' riskju ta' ritaljazzjoni), il-Punt ta' Dħul Uniku jistieden lill-ilmentaturi jipprovdu informazzjoni dwar kwalunkwe ċirkostanza jew riskju bħal dawn li huma jipprevedu.

7. Segwitu għall-ilmenti

Malli jirċievi lment, il-Punt ta' Dħul Uniku jgħaqqad "tim tal-każ" speċjalizzat. Dan it-tim jinkludi membri mill-Punt ta' Dħul Uniku u esperti b'esperjenza ġeografika u settorjali. Ir-rwol tat-tim tal-każ huwa li jwettaq valutazzjoni preliminari tal-ilment. Din il-valutazzjoni tiffoka fuq żewġ oqsma ewlenin: il-kompletezza tal-informazzjoni sottomessa u s-saħħa tal-evidenza pprovduta.

F'dan l-istadju l-ilmentatur se jirċievi konferma tar-riċevuta tal-ilment flimkien ma' numru tal-ilment individwali. L-ilmentatur se jiġi infurmat dwar l-istabbiliment ta' tim tal-każ u se jiġi pprovdut b'punt ta' kuntatt għall-każ tiegħu.

Valutazzjoni tal-ilment

Matul it-twettiq ta' analiżi preliminari tal-ilment, it-tim tal-każ jista', skont l-ispeċifitàjiet tal-każ, jikkuntattja lill-ilmentatur b'talbiet għal informazzjoni addizzjonali. It-tim tal-każ jista' jissuġġerixxi wkoll diskussjoni mal-ilmentatur biex jinkiseb fehim aktar ċar tal-

applikazzjoni tal-Artikolu 411 [Riekwilibriju].

kwistjonijiet imqajma. .

Ladarba t-tim tal-każ ikun għabar ammont suffiċjenti ta' informazzjoni, huwa jikkompleta l-valutazzjoni preliminari tiegħu tal-kwistjoni mqajma. Dan jinvolvi d-determinazzjoni ta' jekk il-kwistjoni tikkostitwixxi ostaklu għall-kummerċ jew tqajjimx kwistjonijiet ta' konformità mat-TSD/mal-SĠP, u l-identifikazzjoni tal-aktar modi xierqa biex dawn jiġu indirizzati. L-ilmentatur se jiġi infurmat dwar ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni preliminari u se jiġi introdott għall-punt ta' kuntatt il-ġdid tiegħu għall-azzjoni ta' segwitu sussegwenti.

Azzjoni biex jissolvew il-kwistjonijiet, filwaqt li l-ilmentatur jinżamm infurmat u jiġu ġestiti l-prijoritajiet

Filwaqt li l-ilmentatur se jinżamm infurmat dwar il-progress fir-rigward tal-ilment tiegħu u l-valutazzjoni tiegħu, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li spiss ikun diffiċli li tingħata gwida minn qabel dwar il-ħeffa li biha l-kwistjonijiet jistgħu jitmexxew 'il quddiem jew jissolvew.

Skont il-każ, ir-rispons tal-Kummissjoni jista' jvarja minn mezzi diplomatiċi għal monitoraġġ/superviżjoni internazzjonali jew soluzzjoni formali tat-tilwim (fid-WTO, jew bilateralment) jew għal miżuri unilaterali. Għal dawn ir-raġunijiet, mhuwiex possibbli li tingħata informazzjoni dwar il-passi proċedurali eżatti ta' tali azzjonijiet f'dawn il-linji gwida, peress li jistgħu jvarjaw minn każ għal ieħor, skont il-kors ta' azzjoni magħżul. Meta l-informazzjoni proċedurali tkun disponibbli f'każijiet individwali (pereżempju f'każijiet ta' soluzzjoni formali tat-tilwim), il-Punt ta' Dħul Uniku se jikkondividiha mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Filwaqt li l-Kummissjoni se tfittex li tindirizza u tneħħi l-ostakli kummerċjali kollha u l-kwistjonijiet dwar il-konformità mat-TSD/mal-SĠP, se jkollha bżonn ukoll tistabbilixxi prijoritajiet fi kwalunkwe mument sabiex tikseb riżultati rapidi u tiżgura l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi. Dawk il-prijoritajiet se jkunu bbażati fuq tliet kriterji: (1) il-probabbiltà li tissolva l-kwistjoni, (2) il-bażi legali, u (3) l-impatt ekonomiku/sistemiku għall-ostakli għall-aċċess għas-suq jew is-serjeta' tal-ksur għall-obbligi tat-TSD/tal-SĠP. Dawn il-prijoritajiet huma dinamiċi u jinżammu taħt rieżami regolari. Din il-flessibbiltà se tippermetti lill-Kummissjoni tiffoka r-riżorsi fuq l-aktar każijiet rilevanti li għandhom aktar ċans li jiġu riżolti b'mod pożittiv fi kwalunkwe mument u tirrispondu malajr u b'mod effiċjenti għall-bidliet fiċ-ċirkostanzi.

L-ilmenti mhumiex l-uniku sors tal-ħidma ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni timmonitorja kontinwament l-implimentazzjoni tal-impenji minn pajjiżi terzi, kemm biex tipprevjeni milli jinħolqu ostakli kummerċjali, kif ukoll biex tiżgura l-konformità mal-impenji tat-TSD/tal-SĠP. Biex tagħmel dan, il-Kummissjoni tiddependi min-network tagħha ta' delegazzjonijiet tal-UE u minn kuntatti mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Kwalunkwe ostaklu jew tħassib identifikat b'dan il-mod se jiddaħħal ukoll fis-sistema maħluqa taħt il-Punt ta' Dħul Uniku biex jiġi żgurat li dawn jitqiesu kif xieraq.

Anness 1: Gwida Prattika għall-mili tal-[formola tal-ilmenti dwar l-aċċess għas-sug](#)

1 - Identità tal-ilmentatur u dettalji ta' kuntatt

Din it-taqsimha tiġbor informazzjoni dwar il-persuna li tissottometti l-ilment u d-dettalji ta' kif il-Punt ta' Dħul Uniku jista' jikkuntattja.

Minbarra xi dettalji personali (bħall-isem, l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-korrispondenza), l-ilmentatur għandu jindika b'mod ċar, jekk applikabbli, l-organizzazzjoni konkreta jew l-awtorità nazzjonali li jkun qed jirrappreżenta (eż. l-isem tal-kumpanija jew il-Ministeru jew l-Ambaxxata speċifika ta' Stat Membru tal-UE).

L-ilmentatur huwa mistieden ukoll jindika jekk huwiex jew jirrappreżentax: Stat Membru tal-UE; esportatur/importatur/investitur fl-UE; assoċjazzjoni kummerċjali tal-UE jew nazzjonali fl-UE; jew oħrajn.

Fl-aħħar nett, l-ilmentatur irid jindika wkoll l-Istat(i) Membru/i tal-UE li fih/fihom huwa/hija/l-organizzazzjoni jopera/topera (eż. il-pajjiżi tal-UE li fihom il-kumpanija għandha attività jew il-pajjiżi tal-UE tal-kumpaniji li huma parti minn assoċjazzjoni kummerċjali tal-UE).

2 - Informazzjoni dwar l-ostaklu għall-kummerċ

Din it-taqsimha tippermetti lill-ilmentatur jiddeskrivi l-ostaklu li ltaqa' miegħu jew jistenna li jiltaqa' miegħu meta jidħol fis-seħħ. Din l-informazzjoni se tgħin lill-Punt ta' Dħul Uniku (u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri) biex jaraw jekk din hijiex problema magħrufa u biex jifhmu aħjar in-natura tal-kwistjonijiet imqajma.

L-ilmentatur huwa mistieden jindika l-pajjiż li qed jimponi l-ostaklu, jispjega l-problema li qed jiffaċċja u kif qed taffettwa l-operazzjonijiet tan-negozju tiegħu/tagħha.

Sa fejn ikun possibbli, l-ilmentatur huwa mitlub jipprovdi informazzjoni dwar il-miżura li qed tikkawża l-problema: ir-referenza legali, it-test tal-miżura u d-data tad-dħul fis-seħħ. F'każ li l-ostaklu jirriżulta minn prattika amministrattiva, din l-informazzjoni tista' tiġi indikata wkoll.

Jekk l-ilmentatur jikkonċerna liġijiet jew regolamenti li għadhom mhumiex fis-seħħ, iżda fil-proċess li jiġu diskussi jew adottati, l-ilmentatur huwa mistieden ukoll jikkondividi din l-informazzjoni sabiex il-Punt ta' Dħul Uniku jkun jista' jfittex li jipprevjeni ostakli kummerċjali futuri.

Fl-aħħar nett, din it-taqsimha tal-formola tal-ilmenti titlob lill-ilmentatur jikkategorizza l-allegat ostaklu għall-kummerċ u s-settur li qed ikollu impatt fuq il-bażi ta' lista predeterminata, kif ukoll il-prodotti jew is-servizzi affettwati mill-ostaklu, inklużi l-kodiċijiet doganali għall-merkanzija jew l-EBOPS għas-servizzi. Id-deskrizzjoni għandha tkun preċiża kemm jista' jkun u mhux sempliċement tirreferi għal kategoriji wiesgħa ta' prodotti jew servizzi (sakemm l-allegat ostaklu ma jkunx jaffettwa kategorija sħiħa). L-ilmentatur għandu jirreferi għall-kodiċi(jiet) SA aktar dettaljati fl-identifikazzjoni tal-prodotti affettwati – mill-inqas erba' ċifri meta jkun possibbli.

L-ilmentatur se jsib menus li jinżlu fl-oqsma tal-kategorija u tas-settur għal għażla aktar faċli. F'każ ta' inċertezza rigward l-aktar għażla xierqa, aħna nħeġġu lill-ilmentatur biex jieħu parir mill-Punt ta' Dħul Uniku (għal gwida dwar din il-kwistjoni, ara t-taqsimha "Qabel

in-notifika” fil-Linji gwida operazzjonali).

3 - Impatt Ekonomiku/Sistemiku

L-informazzjoni pprovduta f’din it-taqsimha se tgħin lill-Punt ta’ Dħul Uniku jivvaluta l-impatt ekonomiku u legali tal-ostaklu fuq in-negozju jew l-attività tal-ilmentatur, kif ukoll jikkonferma sens ta’ jekk għandux impatt fuq negozji oħra fl-istess settur jew klijenti li jiddependu mill-input jew is-servizzi tagħhom. Se tgħinna wkoll naraw jekk hemmx impatt partikolari fuq l-intrapriżi żgħira u ta’ daqs medju (SMEs). Il-Punt ta’ Dħul Uniku jirrikonoxxi li l-ilmentatur jista’ ma jkollux informazzjoni kompluta biex iwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet kollha.

B’mod partikolari, l-ilmentatur huwa mitlub jispjega l-impatt tal-ostaklu mal-lat ekonomiku, bħall-impatt fuq l-esportazzjoni, it-telf, il-produzzjoni, il-bejgħ jew il-kostijiet addizzjonali għall-konformità mal-ostaklu.

L-ilmentatur huwa mistieden ukoll jaqsam xi informazzjoni utli għall-analiżi tal-ostaklu, b’mod partikolari jekk humiex affettwati partizipant ikkonċernati oħra, bħal kumpaniji oħra tal-UE fl-istess setturi jew f’setturi differenti jew SMEs. Il-mistoqsija dwar il-produtturi jew il-fornituri domestiċi fil-pajjiż tal-ostaklu għall-kummerċ tiffittex li tifhem jekk il-kumpaniji tal-UE humiex diskriminati meta mqabbla mal-kumpaniji lokali. L-ilmentatur għandu jwieġeb “iva”, “le” jew “mhux konxju” għal dawn il-mistoqsijiet.

Fl-aħħar nett, l-ilmentatur għandu l-possibbiltà li jipprova l-fehmiet tiegħu/tagħha dwar jekk il-miżura inkwistjoni tiksirx xi obbligu legali tal-pajjiż terz, bħar-regoli tad-WTO jew tal-Ftehim ta’ Kummerċ Ħiels, inklużi prinċipji bħat-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni, u l-proporzjonalità.

4 - Azzjonijiet

Il-formola tal-ilmenti titlob lill-ilmentatur jissottometti informazzjoni dwar jekk huwiex konxju jekk xi Stat(i) Membru/i tal-UE/kumpanija (inkluż l-ilmentatur innifsu)/assoċjazzjoni tal-industrija/korp ieħor ikunx fittex rimedju mill-miżura permezz tal-awtoritajiet nazzjonali (inklużi l-qrati domestiċi) tal-pajjiż li jimponi l-miżura.

Bl-istess mod, il-formola tal-ilmenti tistaqsi jekk l-ilmentatur huwiex konxju ta’ xi azzjoni li għejja minn kwalunkwe awtorità/kumpanija/assoċjazzjoni tal-industrija/korp ieħor minn pajjiż barra l-UE, inklużi kumpaniji lokali fil-pajjiż li jkun impona l-ostaklu.

Din l-informazzjoni hija importanti għall-Punt ta’ Dħul Uniku peress li se tagħti aktar elementi biex jiġi deċiż kif għandu jiġi indirizzat b’mod aktar effettiv il-pajjiż terz.

Filwaqt li azzjoni minn qabel jew ippjanata mhijiex obligatorja biex jitressaq ilment mal-Punt ta’ Dħul Uniku, kwalunkwe informazzjoni dwar tali azzjoni u l-eżiti potenzjali huma importanti. Din l-informazzjoni fil-fatt se tippermetti lill-Punt ta’ Dħul Uniku jifhem kif jista’ jindirizza aħjar il-pajjiż terz u juri li huwa konxju mill-evoluzzjoni ta’ din il-kwistjoni.

Anness 2: Gwida Prattika għall-mili tal-[formola tal-ilmenti dwar it-TSD/l-SĠP](#)

1 - Identità tal-ilmentatur

L-ilmentatur għandu jindika b'mod ċar jekk huwiex persuna fiżika, Stat Membru tal-UE jew entità tal-UE (eż. intrapriżi, assoċjazzjonijiet kummerċjali jew assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema/tal-impjegaturi) u jipprovdi d-dettalji ta' kuntatt rilevanti.

Jekk l-ilmentatur ikun kumpanija tal-UE, trade union jew assoċjazzjoni tal-industrija jew assoċjazzjoni mhux governattiva (irrispettivament minn jekk hijiex assoċjazzjoni nazzjonali jew tal-UE), DAG tal-UE jew kwalunkwe tip ieħor ta' entità tal-UE (irreferi għall-kategoriji minn b sa g fit-taqsimha 2.ii tal-Linji gwida Operazzjonali tal-Punt ta' Dħul Uniku), allura għandu jagħżel l-opzjoni "*entità*". Jekk l-ilmentatur ikun Stat Membru tal-UE (kategorija a), allura jrid jagħżel l-opzjoni "*Stat Membru tal-UE*". Jekk l-ilmentatur ikun persuna fiżika li taġixxi f'isimha stess, jew f'isem ċittadin/i ieħor/oħra tal-UE, huwa/hija għandu/ħa t/jagħżel l-opzjoni "*Persuna fiżika li hija ċittadin jew resident permanenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE)*".

Il-Punt ta' Dħul Uniku huwa konxju li l-NGOs ibbażati fl-UE spiss jikkooperaw ma' NGOs/persuni fiżiċi f'pajjiżi terzi. Jekk dan ikun il-każ, il-Punt ta' Dħul Uniku jitlob lill-ilmentatur(i) jiżvela(w) kwalunkwe kooperazzjoni bħal din u jipprovdi/u livell xieraq ta' informazzjoni dwarhom. Din se tiġi ttrattata bħala parti mill-informazzjoni kunfidenzjali deskritta fit-taqsimha 6 tal-Linji gwida operazzjonali tal-Punt ta' Dħul Uniku.

2 - Deskrizzjoni fattwali tal-ksur tat-TSD/tal-SĠP

Din it-taqsimha tal-formola tal-ilmenti titlob informazzjoni dwar l-allegat ksur tal-impenji tat-TSD jew tal-SĠP u l-bażi legali. Din se tinforma l-analiżi preliminari tal-Punt ta' Dħul Uniku billi tippermetti identifikazzjoni aħjar tal-kwistjoni u l-ksur possibbli tal-ftehimiet internazzjonali.

Il-Punt ta' Dħul Uniku se jittratta l-ilmenti kontra l-leġiżlazzjoni ta' ksur u kontra l-prattiki amministrattivi fuq l-istess livell. Madankollu, meta timtela din it-taqsimha, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-ksur li jirriżulta minn Prattiki aktar milli mil-leġiżlazzjoni jista' jkun aktar diffiċli biex jiġi indirizzat, peress li jista' jkun aktar diffiċli li jiġi ppruvat.

F'dan ir-rigward, il-Punt ta' Dħul Uniku jinnota li l-ksur tat-TSD/tal-SĠP normalment jista' joriġina minn:

- nuqqas ta' konformità mal-obbligi taħt konvenzjonijiet internazzjonali jew ta' traspożizzjoni/ratifika ta' konvenzjonijiet internazzjonali,
- adozzjoni ta' leġiżlazzjoni domestika li tikser il-prinċipji minquxa fil-konvenzjonijiet internazzjonali, jew
- nuqqas ta' implimentazzjoni xierqa tal-miżuri domestiċi fis-seħħ. L-ilmentatur għandu jstabbilixxi l-fatti li jissostanzjaw l-ilment speċjalment fid-dawl ta' dan.

L-ewwel mistoqsija ta' din it-taqsimha tal-formola tal-ilmenti titlob lill-ilmentatur jidentifika l-bażi legali tal-ilment. Dan ifisser li l-ilmentatur għandu jindika d-dispożizzjoni(jiet) fl-FTAs (għall-ilmenti dwar it-TSD) jew fir-Regolament SĠP (għall-ilmenti dwar l-SĠP) allegatament miksur mill-pajjiżi terzi.

Il-mistoqsijiet li ġejjin ta' din it-taqsimha jitolbu lill-ilmentatur jidentifika d-dispożizzjoni(jiet) legali jew il-prattika/i tal-pajjiżi terzi li jiksru d-dispożizzjoni(jiet)

identifikata/i fl-ewwel mistoqsija. L-ilmentatur għandu jispjega wkoll kif din il-leġiżlazzjoni jew dawn il-prattiki jiksruhom.

F'dan ir-rigward, il-formola tal-ilmenti dwar it-TSD/l-SĠP iżżomm id-distinzjoni bejn ksur li jirriżulta minn liġi u minn Prattika, filwaqt li tirrikonoxxi li din tal-aħħar tista' tkun serja daqs tal-ewwel.

Il-formola tal-ilmenti dwar it-TSD/l-SĠP titlob ukoll lill-ilmentatur jipprovdi deskrizzjoni ta' dik il-liġi jew Prattika u kif din tikkostitwixxi ksur. Fit-tweġiba għal din il-mistoqsija, l-ilmentatur għandu jipprovdi t-test tal-leġiżlazzjoni jew, jekk l-allegat ksur jirriżulta minn Prattika amministrattiva, jispjega kif dan iseħħ, u jipprovdi elementi li juru li l-Prattika titwettaq b'mod sistematiku mill-pajjiż terz, u mhijiex biss avveniment sporadiku.

Il-Punt ta' Dħul Uniku jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-ilmentatur għall-fatt li l-ksur tal-obbligi tat-TSD jew tal-SĠP irid ikun sistematiku fil-pajjiż terz. Dan ifisser li l-ksur ma għandux jikkonsisti f'każ iżolat ta' nuqqas ta' konformità, iżda għandu jikkonsisti fi Prattika mifruxa fil-pajjiż terz li ma tkunx indirizzata kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti. F'dak ir-rigward, Prattika tista' tiġi identifikata bħala l-applikazzjoni ħażina sistemika tal-leġiżlazzjoni kif ukoll in-nuqqas sistemiku li tiġi applikata liġi jew regolament li jkun konformi mal-obbligu tat-TSD jew tal-SĠP tal-pajjiż terz.

L-ilmentatur jista' jindika wkoll f'din it-taqsimha x'inhuma, fil-perċezzjoni tiegħu, il-kawżi ewlenin apparenti tal-allegat ksur. Din l-informazzjoni tista' tkun rilevanti biex l-allegat ksur jiġi indirizzat b'mod effettiv.

L-aħħar mistoqsijiet ta' din it-taqsimha jvarjaw jekk l-ilmentatur ikun qed jallega ksur ta' obbligu tat-TSD fi FTA jew ksur tar-Regolament SĠP. L-ilmentatur għandu jipprovdi tweġibiet biss għall-mistoqsija xierqa.

3 - Impatt u serjetà/gravità tal-ksur

Għall-kwistjonijiet ta' TSD/SĠP, l-ilmentatur għandu jipprovdi informazzjoni sostanzjata dwar l-impatt u s-serjetà/il-gravità tal-allegat ksur, pereżempju l-ħsara kkawżata lill-ambjent jew lill-ħaddiema fis-sieħeb kummerċjali, kif ukoll, jekk disponibbli, l-impatt ekonomiku smat għall-operaturi tal-UE li jinneqozjaw mas-sieħeb kummerċjali jew li jinvestu fih. F'din it-taqsimha, il-Punt ta' Dħul Uniku jfittex li jifhem il-firxa tal-allegat ksur u jekk dan huwiex sistemiku fil-pajjiż terz.

Il-formola tal-ilmenti titlob lill-ilmentatur jipprovdi kemm jista' jkun informazzjoni biex tiġi vvalutata s-serjetà tal-ksur. It-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta tiddependi ħafna mill-allegat ksur. Madankollu, l-informazzjoni għandha tkun dettaljata biżżejjed biex tippermetti valutazzjoni xierqa tal-fatti li jsostnu l-ilment.

F'dan ir-rigward, il-Punt ta' Dħul Uniku jħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati jinvolve ruħhom f'kuntatti ta' qabel in-notifika biex jiddiskutu kwistjonijiet bħall-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa u jidentifikaw kwistjonijiet ewlenin fi stadju bikri (ara l-Linji gwida operazzjonali).

Fir-rigward tal-ilmenti relatati mal-impenji dwar in-nonrigressjoni u r-riekwilibrju inklużi fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (l-Artikoli 387 u 391 [Nonrigressjoni mil-livelli ta' protezzjoni], l-Artikolu 411 [Riekwilibriju] inkluż fit-Titolu XI: Kundizzjonijiet ekwi għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u żvilupp sostenibbli) għandha tiġi pprovduta informazzjoni ekonomika addizzjonali b'mod simili bħal fil-każ tal-formola dwar l-aċċess għas-suq.

4 - Azzjonijiet

Il-formola tal-ilmenti titlob lill-ilmentatur jissottometti informazzjoni dwar jekk huwiex konxju jekk xi kumpanija/assoċjazzjoni tal-industrija/korp ieħor fittixx rimedju mill-miżura permezz tal-awtoritajiet nazzjonali (inklużi l-qradi domestiċi) tal-pajjiż li jimponi l-miżura.

Fl-affermattiv, il-formoli tal-ilmenti jitolbu lill-ilmentatur jispjega dan li ġej:

- i. It-tip ta' azzjoni meħuda;
- ii. L-awtorità li magħha ttieħdet l-azzjoni, u;
- iii. Jekk l-azzjoni ġiet konkluża, l-eżitu tagħha.

Il-formola tal-ilmenti għat-TSD/għall-SĠP titlob ukoll lill-ilmentatur jispjega għaliex iqis li l-eżitu tal-azzjoni mhux biżżejjed biex jiġi indirizzat il-ksur; jew għaliex iqis li l-implimentazzjoni (jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni) ta' eżitu li seta' indirizzah naqas milli jagħmel dan.

F'każijiet fejn l-azzjoni mitluba ma tkunx irnaxxiet, jew il-pajjiż terz ma jkunx implimenta l-eżitu, it-tweġiba hija pjuttost sempliċi. F'każ li l-pajjiż terz ikun implimenta għotja favorevoli, iżda b'tali mod li ma jneħħix b'mod effettiv il-ksur, l-ilmentatur għandu jipprovdi spjegazzjoni dettaljata tal-azzjonijiet tal-pajjiż terz.

Filwaqt li azzjoni minn qabel jew ipplanata mhijiex obligatorja biex jitressaq ilment mal-Punt ta' Dħul Uniku, kwalunkwe informazzjoni dwar tali azzjoni u l-eżiti potenzjali huma importanti. Din l-informazzjoni fil-fatt se tippermetti lill-Punt ta' Dħul Uniku jifhem jekk diġà twettqux xi azzjonijiet u se tagħti aktar elementi biex jiġi deċiż kif għandu jiġi indirizzat b'mod aktar effettiv il-pajjiż terz.

Lil hinn mill-proċeduri domestiċi, il-Punt ta' Dħul Uniku jfittex ukoll li jifhem jekk il-fatti li allegatament jikkostitwixxu ksur tad-dispożizzjonijiet tat-TSD jew tal-SĠP ikunux diġà ġew analizzati minn korpi ta' monitoraġġ jew superviżorji internazzjonali kompetenti u jekk tkunx ittieħdet xi azzjoni. Huwa importanti li wieħed jinnota li azzjonijiet preċedenti minn dawn il-korpi ma jikkostitwixxux rekwiżit biex jitressaq ilment, madankollu l-Punt ta' Dħul Uniku jinnota li dan jgħin b'mod sinifikanti l-eżerċizzju ta' tiftix tal-fatti.

Għalhekk, il-formola tal-ilmenti titlob lill-ilmentatur jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar kif il-korpi ta' monitoraġġ jew superviżorji rilevanti tal-konvenzjonijiet internazzjonali (eż. l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, in-Nazzjonijiet Uniti, il-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali) jitrattaw u jaġixxu fuq l-allegat ksur.

5 - Skedi ta' żmien indikattivi għat-trattament tal-ilmenti dwar it-TSD

Fit-tmexxija 'l quddiem tal-ilmenti dwar it-TSD, il-Punt ta' Dħul Uniku se jaħdem madwar l-iskedi ta' żmien li ġejjin:

- i. jirrikonoxxi li rċieva l-ilment fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievih il-Punt Uniku tad-Dħul;
- ii. jiżgura l-ewwel segwitu mal-ilmentatur fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi l-ilment; u,
- iii. jagħmel l-ewwel valutazzjoni tal-każ biex jistabilixxi jekk jidherx li hemm ksur tal-impenji tat-TSD fi żmien 120 jum tax-xogħol minn meta jirċievi l-ilment. Dik il-valutazzjoni se tidentifika wkoll il-passi xierqa li jmiss.

Meta tkun meħtieġa aktar informazzjoni mill-ilmentatur, il-Punt ta' Dħul Uniku jista' jissospendi l-iskadenza ta' 120 jum tax-xogħol, jew meta jitlob aktar informazzjoni minn organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali b'għarfien espert rilevanti għall-investigazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-perjodu jerġa' jibda ladarba l-ilmentatur jew l-organizzazzjoni jkunu pprovdew l-informazzjoni kompluta.

L-iskeda ta' żmien tista' tiġi sospiża wkoll meta l-Punt ta' Dħul Uniku jkun jeħtieġ aktar żmien biex jikkonkludi analiżi kumplessa, jew il-fatti tal-każ ikunu nbidlu (eż. tkun ħarġet informazzjoni ġdida li taffettwa l-valutazzjoni tal-każ). F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-Punt ta' Dħul Uniku se jżomm lill-ilmentatur aġġornat fir-rigward tal-bidliet fl-iskeda ta' żmien tal-każ tiegħu.